MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Avviz Numru. 72/1997/1

Jean Pierre Scerri .

vs

Topserv Limited .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata thallsu s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira (LM851) dovuti minnek lill-istanti fuq "servicing" ta' "computers" u fornitura ta' "Hardware" u "software" ta' computers" rizultanti minn invoices numri 0033 – 0035 u 0044 .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi LM34.50 ta' spejjez legali maghmula mill-attur, liema konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepiet :

1. Illi huwa jrid jikkontesta t-talba attrici in kwantu l-ammont reklamat ma hux dovut .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob minghand is-socjeta’ konvenuta hlas ta’ servizzi ghall-*computer* li huwa rrendilha f’diversi okkazjonijiet skond ma jirrizulta mill- *invoices* minnu esebiti matul il-kors tas-smiegh tal-kawza . Infatti dawn id-dokumenti jindikaw illi l-attur baghat kontijiet li flimkien jammontaw ghall-ammont mitlub fl-avviz presenti . Hekk insibu illi :

(i) fid-Dok. A (a fol. 9 tal-process) jitlob il-hlas ta’: Lm161.00 (invoice no. 0044);

(ii) fid-Dok. E jitlob: Lm477.25 (invoice no. 0035) ;

(iii) fid-Dok. C jitlob: Lm109.25 (invoice no. 0033) u

(iv) fid-Dok. D jitlob: Lm103.50 (invoice no. 0034) ,

\- li jgibu total ta: Lm851, appuntu l-ammont mitlub f’dan l-Avviz .

Ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta deher biss John Cefai li xehed in rapprezentanza tal-Managing Director . Dan pero’ ma jidhirx li kien intiz bizzejjed fin-negozju li kien hemm bejn l-attur u d-diretturi tas-socjeta’ konvenuta . Huwa llimita l-kontestazzjoni tieghu ghal dak li jinghad

f’ittra mibghuta minn Noel Grech f’isem l-istess socjeta’ u ndirizzata lill-attur (Dok. JC. 1 a fol. 18) . F’din l-ittra tingibed l-attenzjoni ta’ l-attur ghall-allegazzjoni illi huma kienu kredituri tieghu fis-somma ta’ LM97.75. Jinghad ukoll illi huma ma kienux talbu l-istallazjoni tal-“keyboard wedged bar-code scanner” u ghalhekk talbuh jiehdu lura . Pero’ dwar il-kontenut ta’ din l-ittra x-xhud ma kienx f’posizzjoni jaghti spejgazzjoni aktar dettaljata .

In difett ta’ prova aktar konkreta dwar dawn l-allegazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, l-Qorti ma jidhirliex illi tista’ toqghod fuqhom u tiggustifikahom .

Ghal dawn il-motivi, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ipprovata, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talba attrici, tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija wiehed u hamsin lira maltija (Lm851) minnha dovuti ghal *servicing* ta’ *computers* fornitura ta’ *hardware* u *software* taghhom rizultanti mill-*invoices* esebiti .

Bl-ispejjez, inkluzi l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Avviz sa d-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess socjeta’ konvenuta .
S7297Pc(inf)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------